MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## S.T.O. PRIM IMHALLEF

## SILVIO CAMILLERI

## ONOR. IMHALLEF

## GIANNINO CARUANA DEMAJO

## ONOR. IMHALLEF

## NOEL CUSCHIERI

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2015

Appell Civili Numru. 167/2010/1

**Garden of Eden Garage Limited (C-17528)**

**v.**

**Awtorita` Ghat-Trasport f'Malta**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell maghmul mis-socjeta` attrici minn sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Settembru 2011 li permezz taghha dik il-Qorti laqghet l-eccezzjoni preliminari tal-Awtorita` konvenuta u lliberat lil din l-Awtorita` mill-osservanza tal-gudizzju, wara li ddecidiet li "m'ghandhiex tisma' u taqta' l-kawza migjuba quddiemha billi l-kumpanija attrici kellha rimedju iehor taht ligi ohra dwar l-ilment taghha u li l-istess kumpannija attrici naqset milli tinqeda bih".

**L-Appell**

2. Is-socjeta` attrici sejset l-appell taghha fuq tlett aggravji: [1] li r-rimedju indikat mill-Awtorita` ma kienx disponibbli fiz-zmien relevanti; [2] li l-kompetenza tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva ["it-Tribunal"] ma teskludix il-gurisdizzjoni tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili; [3] li rimedju indikat fis-sentenza appellata mhuwiex adegwat u effikaci.

3. Ghaldaqstant is-socjeta` appellanti qed titlob li din il-Qorti thassar is-sentenza appellata, u filwaqt li tichad l-ewwel eccezzjoni preliminari, tirrimetti l-atti lill-ewwel Qorti sabiex tinghata decizjoni fil-meritu, bl-ispjejjez taz-zewg istanzi kontra l-Awtorita` appellata.

4. Min-naha taghha l-Awtorita` appellata qed titlob li, ghar-ragunijiet indikati minnha fir-risposta taghha l-appell jigi michud, bl-ispejjez kontra s-socjeta` appellanti.

**<u>Is-Sentenza Appellata</u>**

5. Peress li din tigbor fiha l-fatti li fuqu huwa bazat ir-rikors promotur u t-twegiba tal-appellata, kif ukoll il-konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti, din is-sentenza ser tigi riprodotta fl-intier taghha:

> "Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fit-22 ta' Frar, 2010, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-kumpannija attriċi talbet li din il-Qorti (a) issib li l-kundizzjoni magħmula lilha f'Settembru u f'Novembru tal-2009, fis-sens li kienet tiswa għal sena biss l-awtoriżżazzjoni li l-Awtorita` mħarrka jew il-predeċessur tagħha tatha f'Awissu tal-2009 li tħaddem rotta ta' ġarr ta' turisti permezz ta' tliet (3) *char-à-bancs* miftuħin taħt ir-regolament 69(1) tal-Avviż Legali 149/2009 u li kien jiswa għal sena biss il-ħlas imwettaq minnha biex ingħatat dik l-awtoriżżazzjoni, saret u ġiet imposta fuqha wara li kienet diġa' ngħatat l-imsemmija awtoriżżazzjoni u wara li kien sar l-imsemmi ħlas; (b) issib li b'dak il-mod l-Awtorita` mħarrka qiegħda taġixxi *ultra vires* is-setgħat mogħtijin lilha mil-liġi, kif maħsub fl-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u (ċ) tħassar u tirrevoka l-imsemmija kundizzjonijiet. Talbet ukoll l-ispejjeż u żammet sħiħ kull jedd ta' azzjoni oħra fil-liġi;

“Rat it-Tweġiba mressqa mill-Awtorita` mħarrka fit-23 ta’ Marzu, 2010, li biha laqgħet għall-azzjoni attriċi billi, fl-ewwel lok, qalet li l-azzjoni ma setgħetx issir għaliex il-kumpannija attriċi kellha rimedju ieħor taħt id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 499 tal-Liġijiet ta’ Malta. Fil-mertu, laqgħet billi ċaħdet li hija b’xi mod imxiet lil hinn mis-setgħat mogħtija lilha mil-liġi u għalhekk m’hemm l-ebda lok ta’ dikjarazzjoni skont l-artikolu 469A kif mitlub mill-attriċi;

“Rat id-degriet tagħha tal-25 ta’ Marzu, 2010, li bih u wara li semgħat x’kellhom x’jgħidulha l-avukati tal-partijiet, ordnat li jinstemgħu l-provi wkoll dwar il-mertu, bla ebda ħsara għall-eċċezzjoni preliminari, li d-deċiżjoni dwarha tingħata wkoll fis-sentenza aħħarija;

“Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet, magħduda dik bil-mezz tal-affidavit, dik mismugħa mill-Assistent Ġudizzjarju Dottor Maria Dolores Gauċi u kif ukoll il-provi dokumentali;

“Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta’ Lulju, 2010[1], quddiem l-Assistent Ġudizzjarju, li fih il-partijiet qalu li ma kellhomx provi aktar x’iressqu u ngħataw żmien biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

“Rat in-Nota ta’ Sottomissjonijiet imressqa mill-kumpannija attriċi fil-5 ta’ Ottubru, 2010[2];

“Rat in-Nota ta’ Sottomissjonijiet imressqa mill-Awtorita` mħarrka fit-28 ta’ Diċembru, 2010[3], bi tweġiba għal dik tal-kumpannija attriċi;

“Semgħet is-sottomissjonijiet ulterjuri tal-avukati tal-partijiet dwar l-ewwel tliet talbiet attriċi;

“Rat l-atti kollha tal-kawża;

---

[1] Paġ. 44 tal-proċess
[2] Paġġ. 67 sa 82 tal-proċess
[3] Paġġ. 84 sa 94 tal-proċess

“Rat id-degriet tagħha tal-11 ta’ Jannar, 2011, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

“*Ikkunsidrat:*

“Illi din hija azzjoni għal stħarriġ ġudizzjarju ta’ għamil amministrativ. Il-kumpannija attriċi (aktar ’il quddiem imsejħa “GOE”) ngħatat permess biex tħaddem rotot ta’ ġarr ta’ turisti f’karozzi tal-linja miftuħa f’Awissu, 2009. Wara li ħallset is-somma mitluba, l-Awtorita` mħarrka (aktar ’il quddiem imsejħa “TM”) bagħtet tgħarrafha li l-permess li kellha kien għal sena u li l-ħlas li ntalbet tħallas meta ngħatat il-permess kien ried isir kull darba li jiġġedded il-permess. GOE tgħid li dan qatt ma kien issemma qabel meta nħarġilha l-permess u trid li l-Qorti ssib li l-imsemmija kundizzjonijiet li għamlitilha TM ma jiswewx għaliex saru bla ma kienu msemmija fil-liġi u għalhekk lil hinn mis-setgħat mogħtijin mil-liġi nfisha. Trid li l-Qorti tħassar dawk il-kundizzjonijiet;

“Illi għal din l-azzjoni TM laqgħet billi qalet li l-azzjoni mibdija minn GOE ma setgħetx issir u dan għaliex hija kellha rimedju ieħor fil-liġi biex tikkontesta dawk il-kundizzjonijiet. Fil-mertu, laqgħet billi qalet li kulma għamlet kien fis-setgħat mogħtijin lilha mil-liġi u bl-ebda mod *ultra vires*, u għalhekk ma kien hemm l-ebda raġuni għaliex din il-Qorti kellha għalfejn tħassarhom;

“Illi f’dan l-istadju, l-Qorti tirrileva li meta nħareġ il-permess lil GOE l-Awtorita` kompetenti kienet tissejjaħ l-Awtorita` dwar it-Trasport ta’ Malta (ADT) u l-liġi li kienet topera taħtha kien il-Kapitolu 332 tal-Liġijiet ta’ Malta. Sa ftit żmien wara, l-Awtorita` kompetenti saret l-Awtorita` għat-Trasport f’Malta taħt liġi ġdida, jiġifieri l-Att XV tal-2009 (Kapitolu 499 tal-Liġijiet ta’ Malta) li daħal fis-seħħ fl-1 ta’ Jannar, 2010. Għal kull bwon fini, f’din is-sentenza TM ser tirreferi għaż-żewġ entitajiet bħallikieku kienu l-istess waħda;

“Illi għal dak li jirrigwarda <u>l-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> jirriżulta li f’Lulju tal-2009[4], TM ħabbret it-tnedija ta’ Rotot Skedati għat-Trasport għat-Turisti taħt il-Parti VII tar-Regolamenti tal-2009 dwar is-Servizzi ta’ Ġarr ta’ Passiġġieri (Avviz Legali 149/09). Dan l-avviż deher fil-ħarġa tal-Gazzetta tal-Gvern tas-17 ta’ Lulju, 2009;

[4] Dok “VMP”, f’paġġ. 47 sa 50 tal-proċess

"Illi fis-17 ta' Awissu, 2009[5], GOE bagħtet ittra elettronika lil TM biex tistaqsiha dwar l-effett tal-ħlas preskritt fit-tħaddim ta' rotot regolari ta' ġarr ta' turisti. TM wieġbet aktar tard dak inhar b'ittra elettronika li fiha għarrfet lil GOE li l-ħlas preskritt ta' €37,000 għal kull rotta kien dwar servizz regolari għall-passiġġieri li jkunu turisti u li l-imsemmi ħlas isir kull sena għal kull rotta;

"Illi fis-27 ta' Awissu tal-2009, GOE ressqet talba ma' TM biex tibda taħdem f'żewġ rotot – ir-Rotta tat-Tramuntana u r-Rotta ta' Nofsinhar – ta' trasport għat-turisti[6]. Din it-talba tressqet skont ir-Regolament 69 tal-Avviż Legali 149 tal-2009, liema Regolament kien stampat kollu fl-ewwel paġna tal-formola mimlija minn GOE. Flimkien mat-talba, GOE ħallset id-dritt mitlub ta' €74,000[7], jiġifieri €37,000 għal kull rotta li għaliha GOE applikat. GOE iddikjarat li fuq l-imsemmija rotot kienet ser taħdem bi tliet (3) vetturi. Dak inhar, GOE għarrfet lil TM b'ittra mibgħuta mill-avukati tagħha, li l-ħlas mitlub kienet għamlitu taħt protest;

"Illi l-għada li tressqet it-talba, TM awtorizzat lil GOE biex tibda tħaddem iż-żewġ rotot li kienet applikat għalihom[8]. Fl-14 ta' Settembru, 2009[9], TM bagħtet tgħarraf lil GOE b'ittra li l-awtorizzazzjoni li kienet tatha x-xahar ta' qabel kienet tgħodd għal sena (kelma miktuba b'ittri kbar) b'seħħ mit-28 ta' Awissu, 2009. Minbarra dan, għarrfitha wkoll li t-tiġdid ta' dik l-awtorizzazzjoni jsir kull sena sakemm jibqgħu jitħarsu l-kundizzjonijiet stipulati fil-Parti VII tar-Regolamenti (A.L. 149/09) u "sakemm isir il-pagament annwali" stabilit għar-rotot speċifiċi;

"Illi fit-12 ta' Ottubru, 2009, l-avukati ta' GOE bagħtu ittra lil TM dwar dik it-tagħrifa u TM wieġbet fit-18 ta' Novembru, 2009[10], biex ittenni l-pożizzjoni tagħha;

"Illi l-kawża nfetħet fit-22 ta' Frar, 2010;

"Illi b'avviż li deher fil-ħarġa tal-Gażżetta tal-Gvern tal-4 ta' Mejju, 2010[11], TM għarrfet li l-ħlas preskritt ta' €37,000 għal kull rotta dovut minn operaturi li jkunu ġew awtorizzati minnha biex jaħdmu dawk ir-rotot ikun irid isir kull sena,

[5] Dok "KP", f'paġ. 46 tal-proċess
[6] Dok "A", f'paġġ. 5 – 6 tal-proċess
[7] Dok "B", f'paġ. 7 tal-proċess
[8] Dok "E", f'paġ. 10 tal-proċess
[9] Dok "F", f'paġ. 11 tal-proċess
[10] Dok "Ġ", f'paġ. 12 tal-proċess
[11] Dok "MGV", f'paġġ. 35 – 6 tal-proċess

b'seħħ minn għeluq is-sena minn mindu tkun ingħatat dik l-awtorizzazzjoni. L-avviż kien ifisser ukoll x'isir f'każ li xi operatur ma jkunx jixtieq jibqa' jaħdem aktar xi rotta bħal dik;

"Illi huwa xieraq li l-Qorti tibda l-konsiderazzjonijiet dwar l-aspetti tad-dritt fil-kawża billi tqis l-eċċezzjoni preliminari ta' TM. Ikollu jsir hekk għaliex jekk kemm-il darba kellu jirriżulta li dik l-eċċezzjoni hija tajba, ma jkunx meħtieġ li l-Qorti tidħol fil-qofol tal-kwestjoni fil-mertu. Irid jingħad li, fil-qofol tiegħu, l-mertu tal-kwestjoni li dwaru tressqet din il-kawża huwa wieħed sempliċi u ta' xejra legali u mhux wisq imsejjes fuq apprezzament ta' provi. Dak il-mertu jirrigwarda s-setgħa ta' TM li timponi l-kundizzjonijiet li għamlet għat-tħaddim tar-rotot bla ma tkun qiegħda taqbeż is-setgħat mogħtijin lilha mil-liġi fl-għamil tal-istess kundizzjonijiet;

"Illi l-**eċċezzjoni preliminari** ta' TM trid li din il-kawża ma messhiex inġabet quddiem din il-Qorti ta' stħarriġ ġudizzjarju għaliex GOE kellha rimedju ieħor xieraq li setgħet tinqeda bih, taħt id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 499 tal-Liġijiet ta' Malta, dwar l-ilment li huwa l-mertu ta' din il-kawża. B'dikjarazzjoni magħmula waqt is-smigħ tal-25 ta' Marzu, 2010, l-għaref difensur ta' TM fissret li tali rimedju huwa dak maħsub fl-artikolu 40 tal-imsemmi Att;

"Illi ladarba l-artikolu 469A(4) huwa eċċezzjoni għar-regola li l-Qrati għandhom ġurisdizzjoni, jeħtieġ li tali sub-artikolu jitfisser f'sens dejjaq kemm jista' jkun biex ma jġibx fix-xejn l-għan li għalih il-leġislatur daħħal din l-għamla ta' azzjoni reviżorja fil-proċedura lokali. Kif diġa' ngħad mill-Qrati tagħna, l-esklużjoni tal-ġurisdizzjoni tal-Qrati li jistħarrġu għamil amministrativ għandha tkun ġustifikata biss jekk il-Qorti tkun soddisfatta li, fil-prattika, persuna kellha rimedju fejjiedi u xieraq disponibbli għaliha u hija naqset li tirrikorri għalih bla raġuni tajba[12];

"Illi l-Qorti tifhem li biex il-ġurisdizzjoni tal-Qorti li tistħarreġ għamil amministrattiv titneħħa, ir-rimedju taħt xi liġi oħra mogħti lill-persuna mġarrba b'dak l-għamil irid ikun rimedju xieraq u, fuq kollox, effikaċi[13]. Irid jintwera wkoll li l-persuna ma nqdietx bir-rimedju l-ieħor b'mod kapriċċuż, f'liema każ ma jkunx xieraq li, minħabba n-nuqqas tagħha, mbagħad iddur għall-kenn tal-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju taħt l-artikolu 469A. Bilkemm għandu għalfejn jiżdied jingħad ukoll li jaqa' fuq il-parti li tallega li kien hemm rimedju ieħor disponibbli għall-persuna mġarrba biex tipprova kif imiss li tassew kien hemm rimedju effettiv u li l-persuna naqset bla raġuni tajba li tinqeda bih;

---

[12] App. Ċiv. **6.5.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Bunker Fuel Oil Company Ltd. vs Paul Gauċi et*** (mhix pubblikata) u App. Ċiv. **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Cauchi vs Chairman Awtorita' tal-Ippjanar*** (Kollez. Vol: **LXXXV.ii.943**)

[13] P.A. PS **28.1.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Muscat et vs Chairman tal-Awtorita' tad-Djar et***

"Illi m'għandux ikun hemm dubju li fejn rimedju alternativ taħt xi liġi speċjali ma jkunx disponibbli għal xi persuna mhux bi ħtija tagħha jew lil hinn mill-kontroll tagħha, ma jkunx xieraq li lil dik il-persuna jitneħħielha l-jedd li titlob lill-Qorti tistħarreġ l-għamil amministrattiv li minnu tilminta li ġarrbet xi ħsara jew preġudizzju[14]. Diġa' ngħad li t-tħaddim tal-artikolu 469A(4) bħala eċċezzjoni għar-regola għandu jsir meta tassew li kien hemm disponibbli rimedju effettiv u li l-parti tkun naqset bla raġuni tajba milli tinqeda bih;

"Illi għalhekk il-Qorti ser tgħaddi biex tqis jekk hux minnu jew le li GOE kellha rimedju tajjeb u effettiv taħt xi liġi oħra u jekk naqsitx bla raġuni tajba li tinqeda bih;

"Illi għandu jingħad li l-artikolu 40 tal-Att XV tal-2009 jipprovdi li "*It-Tribunal ta' Revżjoni Amministrattiva mwaqqaf bl-artikolu 5 tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva jkollu l-kompetenza li jisma' u jiddeċiedi: (a) appelli magħmulin minn xi persuna li tħoss ruħha aggravata b'deċiżjoni tal-Awtorità li tiċħad milli tagħti jew iġġedded, jew li tissospendi jew li tirrevoka awtorizżazzjoni, jew liċenza jew permess, jew li timponi kondizzjonijiet, limitazzjonijiet jew esklużjonijiet f'liċenza; u (b) appelli magħmulin minn xi persuna li tħoss ruħha aggravata b'xi piena amministrattiva jew ta' xort'oħra imposta fuq dik il-persuna mill-Awtorità: Iżda, sakemm mhux preskritt bil-liġi, appell li jiġi preżentat skont id-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għandu jiġi preżentat fi żmien għoxrin ġurnata minn meta tkun ġiet riċevuta d-deċiżjoni tal-Awtorità. (2) Dawk il-proċedimenti li minnufih qabel jiġi fis-seħħ dan l-artikolu jkunu pendenti quddiem il-Bord tal-Appelli dwar it-Trasport imwaqqaf bl-Att dwar Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, għandhom, b'effett mill-31 ta' Marzu, 2010, jiġu assenjati lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva msemmi f'dan l-artikolu għad-deċiżjoni tiegħu u minn hemm 'il quddiem għandhom jiġu regolati bid-dispożizzjonijiet tat-Taqsima III tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva. (3) Għandu jkun hemm dritt ta' appell skont d-dispożizzjonijiet tat-Taqsima IV tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva minn deċiżjonijiet tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva taħt is-subartikoli (1) u (2) u dak l-appell isir quddiem il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri)*";

"Illi fiż-żmien li ħarġet is-sejħa ta' TM għall-persuni interessati li jaħdmu r-rotot kien fis-seħħ l-Att IX tal-1989 (Kap 332) u mhux il-Kap 499. Hekk ukoll kienet il-qagħda meta, f'Settembru tal-2009, TM bagħtet tgħarraf lil GOE li l-awtorizżazzjoni li kellha kienet tgħodd għal sena u tiġġedded kull sena u li l-ħlas magħmul kien ħlas li jrid isir ma' kull tiġdid. L-Att XV tal-2009 daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2010. Minn meta GOE irċeviet l-ittra li minnha tilminta sa ma daħal fis-seħħ dak l-Att għaddew wisq aktar mill-għoxrin jum mogħti lil min kellu x-xewqa jappella minn deċiżjoni bħal dik. Għalhekk l-istess Att ma jista' qatt jitqies li kien jagħti rimedju ieħor xieraq lil GOE fiċ-ċirkostanzi tal-każ li l-Qorti għandha quddiemha llum;

[14] P.A. GV **29.3.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. Philip Galea et vs Tigne' Development Co. Ltd. et***

"Illi madankollu, TM ressqet sottomissjonijiet biex tgħid li, meta fl-eċċezzjoni msemmija indikat li r-rimedju xieraq kien jinsab fil-Kap 499, b'dan riedet tfisser li dak l-Att kien inkorpora fih dispożizzjonijiet – u rimedji – li kien jinsabu fil-liġi li kienet tirregola lil TM minnufih qabel daħal fis-seħħ il-Kap 499 tal-Liġijiet ta' Malta. Kemm hu hekk, l-istess artikolu 40 tal-Kap 499 jirreferi għall-proċeduri mibdija taħt il-Kap 332 li kienu għadhom qegħdin jinstemgħu meta daħal fis-seħħ l-imsemmi Kap 499. Ta' min jgħid ukoll li l-Kap 332 għamel xi żmien li baqa' fis-seħħ wara li kien daħal fis-seħħ ukoll il-Kap 499: kemm hu hekk, kien bis-saħħa tal-Avviż Legali 230 tat-23 ta' April tal-2010 li l-Kap 332 ma baqax aktar fis-seħħ;

"Illi jirriżulta li l-istess Kap 332 kellu organu li kellu s-setgħa jisma' appelli jew ilmenti minn persuni fuq deċiżjonijiet meħuda minn TM. Dan kien il-Bord tal-Appell dwar it-Trasport imwaqqaf bis-saħħa tal-artikolu 31 ta' dak l-Att. Ma jidhirx li hemm kwestjoni li, fiż-żminijiet rilevanti li njolqtu l-ġrajja ta' din il-kawża, l-imsemmi Bord tal-Appelli kien fil-fatt kostitwit u li dan kien ilu hekk kostitwit sa minn Ġunju tal-2008;

"Illi l-Bord tal-Appelli dwar it-Trasport kien imwaqqaf biex jisma' u jaqta' żewġ suriet ta' appell: (i) dawk li jsiru minn xi persuna li tħossha aggravata b'deċiżjoni tal-Awtorita` li tiċħad milli tagħti, ġġedded, tissospendi jew tirrevoka liċenza, jew timponi xi kundizzjonijiet, limitazzjonijiet jew esklussjonijiet fuq xi liċenza maħruġa minnha; jew (ii) dawk li jsiru minn xi persuna li tħoss ruħha aggravata b'piena amministrattiva jew xort'oħra mposta fuqha mill-Awtorita`. TM tissottometti li r-rimedju li kien jista' jagħti l-imsemmi Bord taħt l-ewwel kategorija ta' appelli kien dak li GOE messha irrikorriet għalih jekk tassew riedet tikkontesta l-aspett ta' t-tiġdid tal-liċenza (awtorizzazzjoni) mogħtija lilha jew il-kwestjoni tal-imposizzjoni tal-ħlas biex ingħatat dik l-istess awtorizzazzjoni jew biex isir l-imsemmi tiġdid;

"Illi, min-naħa tagħha, GOE tiċħad li hija kellha rimedju ieħor miftuħ għaliha minbarra li tersaq quddiem din il-Qorti bil-kawża tal-lum. Tibda biex tgħid li ladarba l-eċċezzjoni preliminari ta' TM issemmi rimedju taħt liġi partikolari, u ladarba ntwera li dik il-liġi ma kinitx għadha tgħodd għall-każ tagħha saż-żmien rilevanti, mela dik l-eċċezzjoni ma hija tajba xejn u ma hemm xejn aktar x'tgħid dwarha. Minkejja dan, GOE tgħaddi biex tressaq sensiela ta' sottomissjonijiet oħrajn studjati u mirquma biex tibqa' tisħaq li ma kien minnu xejn li hija kellha disponibbli xi rimedju ieħor taħt xi liġi oħra jew li rimedji mdaħħla b'liġi jistgħu jkunu ta' fejda għaliha b'mod retrospettiv. Ressqet bosta argumenti biex tagħraf bejn l-għoti ta' liċenza u l-għoti ta' awtorizzazzjoni. Meta mbagħad tiddiskuti l-kwestjoni dwar jekk kellhiex ir-rimedju li tirrikorri għand it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrativa, tqanqal il-kwestjoni dwar jekk kienx kostitwit fiż-żmien rilevanti tal-każ;

"Illi l-Qorti ma tistax taqbel mas-sottomissjonijiet ta' GOE f'dan ir-rigward. Minbarra li hija tqis li r-rimedju li kien jagħti l-artikolu 31 kien wieħed ta' fejda u

disponibbli għal dik il-kumpannija, jirriżulta wkoll li mqar kieku d-dispożizzjonijiet ta' dak l-artikolu ma kinux jgħoddu għall-każ, GOE kien messha ressqet l-azzjoni tagħha quddiem tribunal speċjali ieħor – it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrativa – mwaqqaf bis-saħħa tal-Att tal-2009 dwar il-Ġustizzja Amministativa (Kap 490) li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2009. Minħabba l-fatt li GOE talbet it-tħassir tal-kundizzjonijiet li TM imponitilha dwar l-awtorizżazzjoni li tatha għat-tħaddim tar-rotot imsemmija, dak it-Tribunal kellu kull setgħa li jagħti r-rimedju li GOE qiegħda titlob f'din il-kawża[15]. Minbarra dan, kawżi li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-imsemmi Tribunal ilhom jitressqu quddiemu sa minn Settembru tal-2009 (jiġifieri fl-istess żminijiet li GOE kienet irċeviet l-ewwel ittra minn TM), u l-fatt li, għall-ewwel, dawk il-kawżi ma kinux qegħdin jitqiegħdu għas-smigħ minnufih ma jnaqqas xejn mill-effikaċja tar-rimedju li seta' jingħata mit-Tribunal hekk kif dawk l-istess kawżi bdew jinstemgħu;

"Illi bis-saħħa tal-imsemmi Att, it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għandu s-setgħa li "*jirrivedi atti amministrattivi istitwiti quddiemu skont dan l-Att jew kull liġi oħra, u bl-iskop ta' l-eżerċizzju ta' kull kompetenza oħra attribwita lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva b'din il-liġi, jew taħt din il-liġi, jew xi liġi oħra, kemm qabel kemm wara li jidhol fis-seħħ dan l-Att*"[16] u bil-għan dikjarat li jkollu l-kompetenza li jirrevedi atti amministrativi[17]. Lil hinn mill-kwestjoni diskwiżittiva mqanqla minn GOE dwar jekk "awtorizżazzjoni" u "liċenza" humiex l-istess ħaġa[18], jibqa' l-fatt li dak li tilminta minnu GOE dwar TM huwa att amministrativ u għalhekk, bħala tali, huwa fis-setgħa tat-Tribunal li jistħarrġu, mhux daqstant fit-termini tal-artikolu 40 tal-Kap 499, daqskemm bis-setgħat mogħtija mill-Kap 490 innifsu;

"Illi huwa minnu li, minkejja li twaqqaf l-imsemmi Tribunal, il-leġislatur ma deherlux li kellu jħassar ukoll l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 u li dan ir-rimedju baqa' disponibbli wkoll bħala għodda ta' stħarriġ ġudizzjarju tal-għemil tal-amministrazzjoni pubblika. Jista' jkun ukoll li kemm din il-Qorti kif adita biex twettaq l-imsemmi stħarriġ u kif ukoll it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrativa jwettqu setgħat li jixxiebhu[19]. Iżda huwa fatt li t-Tribunal imsemmi huwa kompetenti fir-rigward ta' dawk l-awtoritajiet pubbliċi jew dawk il-korpi biss li l-Att kostitutiv tiegħu espressament jagħnih bihom fit-Tielet Skeda tiegħu[20], u ma għandux is-setgħa li jistħarreġ l-għamil ta' awtoritjiet oħrajn li jaqgħu fil-kompetenza waħdanija ta' din il-Qorti. Minbarra dan, id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 469A(4) tal-Kapitolu 12 jitkellmu fis-sens li s-setgħa ta' din il-Qorti li tisma' kawża ta' stħarriġ ġudizzjarju tibqa' waħda residwali bħala garanzija

---

[15] T.Ġ.A. VG **11.4.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***David Anthony Pollina noe vs Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta***
[16] Art. 5(1) tal-Kap 490
[17] Art. 5(2) tal-Kap 490
[18] Paġġ. 72 – 5 tal-proċess
[19] Ara art. 20(1) tal-Kap 490
[20] Art. 25(2) tal-Kap 490

aħħarija fejn il-persuna mġarrba ma jkollhiex rimedju ieħor ġudizzjarju jew kważi-ġudizzjarju taħt xi liġi oħra jew quddiem xi tribunal ieħor;

"Illi l-Qorti, fid-dawl ta' dan li ssemma aktar qabel, tqis li l-ilment ta' GOE f'din il-kawża seta' u messu tressaq quddiem dak it-Tribunal u ssib li GOE tassew kellha l-aċċess għal dak ir-rimedju alternativ u kien bi ħtija tagħha naqset milli tirrikorri għalih. Għalhekk, issib li l-eċċezzjoni preliminari mqanqla minn TM hija tajba u sejra tilqagħha;

"Illi fid-dawl tal-fatt li l-Qorti ser tilqa' l-eċċezzjoni preliminari, ma huwiex il-każ li tisħarreġ ukoll il-mertu tal-ilment ta' GOE;"

**L-aggravji**

*L-ewwel aggravju*

6. Dan hu fis-sens li l-ewwel Qorti marret oltre l-parametri stabbiliti mill-eccezzjoni preliminari sollevata mill-Awtorita` intimata billi qieset u ikkonsidrat disposizzjonijiet tal-ligi oltre dik li giet espressament eccepita u dan bi pregudizzju ghas-socjeta` appellanti.

7. Il-fatti li fuqhom huwa bazat dan l-aggravju huma dawn. Fl-udjenza tal-25 ta' Marzu 2010 l-Awtorita` appellata ipprecizat li r-rimedju alternattiv li fuqu hija sejset l-ewwel eccezzjoni taghha huwa dak naxxenti mill-Artikolu 40 tal-Kap. 499.

8. Is-socjeta` appellanti tghid li “abbazi tal-eccezzjoni kif formulata u tad-dikjarazzjoni tal-Awtorita` kif verbalizzata fl-atti ta’ din il-kawza, is-socjeta` appellanti ghaddiet biex tressaq il-provi taghha”. Izda wara l-eghluq tal-provi u fl-istadju li fih gew prezentati n-noti tas-sottomissjonijiet l-Awtorita` bdiet tishaq li l-eccezzjoni taghha ma kienitx limitata ghar-rimedju espressament indikat minnha fid-dikjarazzjoni maghmula fl-udjenza fuq imsemmija, bir-rizultat li l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha ikkonsidrat rimedji ohra li kienu proposti biss mill-Awtorita` fis-sottomissjonijiet taghha tal-eghluq. Hija kompliet tispjega l-aggravju taghha hekk:

> “......fl-umli fehma tas-socjeta` esponenti, dan ma setax isir, billi l-pararnetri ta' kull kontestazzjoni f'kull kawza huma dawk imfissra fl-att promotur tal-kawza u fl-eccezzjonijiet kif sollevati. Il-fatt illi, minkejja d-dicitura espressa fl-eccezzjoni in dizamina, u minkejja d-dikjarazzjoni mwettqa millAwtorita` appellata, gew ezaminati u determinati ragunijiet alternattivi li jmorru oltre dawk eccepiti, huwa pregudizzjevoli fir-rigward tas-socjeta` esponenti, in kwantu hi, minkejja li kellha l-aspettattiva legittima li l-mertu tal-kawza jkun limitat kif suespost, sabet ruhha rinfaccjata b'difizi godda wara l-gheluq ta' l-istadju tal-provi. Hija l-gurisprudenza tal-Qrati taghna illi, "Hu principju kardinali ben affermat did-duttrina procedurali illi l-gudikant hu fid-dmir li jiddeciedi iuxta alligata et probata. Li jfisser, illi d-decizjoni tieghu ghandha tkun estratta unikament in bazi ghallallegazzjonijiet tal-partijiet u tac-cirkustanzi tal-fatti dedotti u provati ghab-bazi tat-talba Jew taleccezzjoni. S'intendi, tali principju hu mahsub biex ikun assikurat illi hadd mill-partijiet ma jigi sorpriz b'decizjoni bazata fuq fatti jew difizi mhux dedotti Jew provati, u li dwarhom il-partijiet ma kellhomx lanqas il-possibbilita: li jirreagixxu bi prontezza u fil-mument opportun ghalihom" [Perit Carmel Mifsud Borg v. Kurt Farrugla, moghtija mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri] fil- 11.12.2009];

> “....effettivament, l-Onorabbli Qorti ta' l-ewwel istanza ippermettiet lill-Awtorita` appellata biex tissoleva eccezzjonijiet differenti li jirrigwarwdjaw l-inkompetenza fl-istadju ahhari tal-kawza, meta huwa risaput illi kull eccezzjoni li tirrigward. l-kompetenza tal-Qorti adita trld tigi sollevata *in limine litis* .. Lanqas ma jikkonkorru l-elementi mahsuba mill-Artikolu 774 tal-Kodici ta' OrganizzazZjoni u Procedura Civili sabiex eccezzjoni ta' nkompetenza tigi sollevata mill-Qorti *ex officio*;

> "... per konsegwenza, l-Onorabbli Qorti ta' l-ewwel istanza ma setghelx tqis jew tikkunsidra dawk ir-rimedji alternattivi li ma kienux inkluzi fl-eccezzjoni ta' l-Awtorita` appellata kif impostata, izda kellha tillirnita ruhha sabiex tikkunsidra dwak ir-rimedju alternattiv indikat *in limine litis*, billi kien proprju fuq din l-indikazzjoni illi S-Socjeta` esponenti stradat il-kawza taghha."

*It-tieni aggravju*

9. Dan hu fis-sens li l-gurisdizzjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva ma teskludix il-gurisdizzjoni tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili. Kuntrarjament ghal dak li qalet l-ewwel Qorti li d-dritt tas-socjeta` appellanti li tadixxi dak it-tribunal ma jeskludix id-dritt li wiehed jirrikorri wkoll quddiem dik il-Qorti. Iz-zewg gurisdizzjonijiet huma paralleli u jistghu jikkonkorru flimkien. Imkien fil-Kap. 490 ma jissemma' li l-kompetenza tat-Tribunal hija wahda esklussiva. Ghalhekk "wiehed ghandu d-dritt li jaghzel fejn jirrikorri ghal rimedju."

10. Tissottometti wkoll li kieku kellha tigi addottata l-interpretazzjoni moghtija mill-ewwel Qorti, u cioe` li d-disponobilita` ta' rimedju quddiem it-Tribunal jeskludi rimedju quddiem il-qrati a tenut tal-Artikolu 469A wiehed jasal ghall-konkluzjoni li l-dan l-artikolu llum m'ghad ghandu ebda valur legali, u dan ghar-raguni li t-tifsiriet ta' atti amministrattivi u ta' amministrazzjoni pubblika fil-Kap. 490 huma tant wiesa illi ma jhallu xejn barra mill-ambitu taghhom. Ikompli jfisser dan l-aggravju hekk:

"ILLI lanqas ma huwa ta' xkiel ghal din l-interpretazzjoni ir-raba' sub-inciz ta' l-Artikolu 469A. Din id-disposizzjoni teskludi r-rimedju provdut fl-istess disposizzjoni fejn *"il-mod ta' kontestazzjoni Jew ta' ksib ta' rimedju dwar xi att amministrattiv partikolari quddiem qorti Jew tribunal jigi provdut dwaru f'xi ligi ohra"*, Sabiex allura l-azzjoni ipprovduta mid-disposizzjoni in ezami tkun eskluza, irid ikun hemm fligi ohra provdut xi mod ta' kontestazzjoni jew ta' ksib ta' rimedju dwar xi att amministrattiv **partikolari**. Kwindi din il-ligi l-ohra trid tkun qed tipprovdi rimedju partikulari mahsub ghal dak l-att amministrattiv partikulari;

"....... ghandu jkun inkontestat illi l-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva jipprovdi mod ta' kontestazzjoni jew ksib ta' rimedju dwar atti amministrattivi ***in generali***, minghajr ma jirreferi ghal ebda att amministrattiv ***partikulari*** kif irid l-Artikolu 469A( 4);

"...... dawk il-modi ta' kontestazzjoni jew ta' ksib ta' rimedju li jipprekludu lil persuna li thossha aggravata minn att amministrattiv milli tirrikorri quddiem il-Qrati ordinarji huma dawk li jinsabu provduti fdiversi ligijiet li jirregolaw materji partikulari. Hekk, ad ezempju, huwa l-Artikolu 40 talKapitlu 499 tal-ligijiet ta' Malta, u hekk ukoll kien l-Artikolu 31 tal-Kapitlu 332 tal-ligijiet ta' Malta. L-effett ta' dawn id-disposizzjonijiet fuq il-kawza odjerna huma s-sustanza tat-tiel et aggravju tassocjeta` esponenti, hawn taht imfisser;

*It-tielet aggravju*

11. Dan hu fis-sens li "r-rimedju iehor" taht ligi ohra li bis-sahha tieghu giet eskluza l-gurisdizzjoni tal-Qorti Civili mhuwiex "rimedju disponibbli, adegwat u effikaci fil-prattika".

12. Tghid li dan ir-rimedju ma kienx jezisti fiz-zmien rilevanti u kien jinkombi fuq l-Awtorita` li tipprova fl-fatt li kemm il-Bord tal-Appelli dwar it-Trasport u

kemm it-Tribunal ta’ Revizjoni Amministrattiva kienu, fiz-zmien li sehhew il-fatti mertu tal-kawza, validament kostitwiti skont il-ligi, liema prova baqghet ma saritx.

13. Inoltre, it-termini “awtorizzazzjoni” u “licenzja” ghandhom tifsira partikolari u ma humiex sinonimi ghal xulxin. Taht il-Kapitlu 332 il-kelma licenzja ma tinkludix it-terminu ‘awtorizzazzjoni’ fit-tifsira tieghu, filwaqt li t-tifsira tal-kelma ‘awtorizzazzjoni’ tirrerefi ghal ‘permess’ u mhux ghal ‘licenzja’. Ghalhekk dawn it-termini ghandhom tifisiriet awtonomi u independenti. Din id-distinzjoni bejn iz-zewg forom ta’ atti amministrattivi inzammet wkoll wara l-promulgazzjoni tal-Kapitlu 499. Is-socjeta` attrici tissenjala wkoll li, hekk per ezempju, il-paragrafu [t] tal-Artikolu 33[2] tal-Kapitlu 332 il-legislatur jirreferi ghal ‘licenzja’, ‘awtorizzazzjoni’ u ‘permess’ fl-istess paragrafu biex b’hekk dak il-paragrafu jkun jiswa ghalihom ilkoll. Dan isahhah il-fehma taghha li t-termini ‘licenzja’ u ‘awtorizzazzjoni’ ma humiex l-istess haga.

14. Tkompli tghid li l-Artikolu 31 tal-Kap. 332 jirreferi biss ghal ‘licenzji’ u, tenut kont tal-fatt li dak li nghatat lis-socjeta` appellanti kienet ‘awtorizzazzjoni’, ir-rimedju mahsub fl-Artikolu 31 tal-Kapitlu 332 ma jghoddx ghall-ilment imressaq mis-socjeta` appellanti, b’mod illi li kieku gie esperit tali rimedju, kien ifalli, bil-konsegwenza wkoll li l-kumpanija esponenti kienet tiddekadi mill-jedd taghha li tressaq istanza bhal dik odjerna stante d-dekors

tat-terminu semestrali perentorju mahsub mill-Artikolu 469 [3] tal-ligijiet ta' Malta.

15. Tghid ukoll li r-rimedju offrut mit-Tribunal ma kienx wiehed effikaci u adegwat stante li dan it-tribunal fil-prezent huwa mmexxi minn magistrat li zmien qabel kienet l-avukat tas-socjeta` appellanti u ghalhekk f'kull kaz, il-kaz taghha ma kienx ikun jista' jinstema' peress li ma hemmx magistrat iehor assenjat xoghol tat-Tribunal. Hija ssemmi appelli li gew intavolati minnha fix-xahar ta' Settembru 1999 u l-magistrat kienet gustament astjeniet milli tisma' dawk il-kawzi, bir-rizultat li sallum dawn ma regghux gew appuntanti.

16. [1] Min-naha tal-Awtorita` appellata tispjega li meta saret il-kawza, il-Kapitlu 449 kien diga` dahal fis-sehh fl-1 ta' Jannar 2010, u kien ghalhekk li din indikat dan il-Kapitlu bhala dak li joffri rimedju adegwat ghal-lanjanza tas-socjeta` appellanti. Tkompli tghid li ghandu jirrizulta car li r-rimedju kontemplat fl-Artiklu 40 tal-Kap. 499 huwa l-istess rimedju li kien kontemplat fil-Kap. 332 qabel ma dan gie revokat fit-23 ta' April 2010. Fiz-zewg ligijiet persuna aggravata ghandha d-dritt li tappella minn dik id-decizjoni quddiem tribunal spejcali mwaqqaf proprju ghal dawn ir-ragunijiet. Ghalkemm it-tribunali indikati fiz-zewg kapitli ghandhom denominazzjoni differenti, dak li jikkontempla l-Artikolu 40 tal-Kap. 499 huwa rifless tal-kontenut tal-Artikolu 31 tal-Kap. 332. Salv ghal ftit differenza z-zewg artikoli jipprovdu rimedju ta'

appell specifiku ghal [a] persuna li thossha aggravata b'decizjoni tal-Awtorita` li tichad milli taghti jew iggedded jew li tissospendi jew li tirrevoka licenzja jew permess, jew li timponi kondizzjonijiet, limitazzjonijiet jew eskluzjonijiet f'licenzja, u [b] persuna li thoss ruhha aggravata b'xi piena amministrattiva jew xort' ohra imposta fuqha mill-Awtorita`.

17. Ghalhekk il-fatt li gie indikat minnha l-Kapitlu 449 u mhux il-Kapitlu 332 ma biddilx in-natura jew il-portata tal-eccezzjoni preliminari, li baqghu l-istess. Il-portata tal-eccezzjoni ma kien xejn hlief li skont is-subinciz 4 tal-Artikolu 469A tal-Kapitlu 12 is-socjeta` appellanti kellha rimedju iehor skont il-ligi li messha ezercitat u ghalhekk ma setghetx legalment tressaq din il-kawza kif proposta ladarba kien hemm rimedju effettiv taht il-Kapitlu 332.

18. [2] Artikolu 469A fis-subinciz 4 jitkellem car li dan l-artikolu mhuwiex applikabbli meta jkun jezisti rimedju f'ligi ohra ghal att amministrattiv partikolari u li jista' jinghata minn qorti jew tribunal skont il-ligi. Dan ifisser li dan l-artikolu ghandu gurisdizzjoni residwali u japplika biss fin-nuqqas ta' rimedju taht xi ligi ohra. Dan jimmilita` kontra t-tezi tas-socjeta` appellanti li kemm dan l-artikolu kif ukoll l-Artikolu 31 tal-Kapitolu 332 u issa l-Artikolu 40 tal-Kapitlu 499 jaghtu lill-Prim' Awla tal-Qorti Civili u lit-Tribunal gurisdizzjoni paralleli b'mod li persuna aggravata ghandha x-xelta li jew tadixxi lill-Qorti jew lit-tribunal sabiex tiehu rimedju ghal-lanzjanza taghha.

19. [3] Rigward il-prova tal-kostituzzjoni tal-Bord u tat-Tribunal, l-Awtorita` appellata ma kellha ebda obbligu li tipprova li dawn l-entitajiet kienu fil-fatt kostitwiti, stante li l-ezistenza taghhom kienet stipulata mill-ligi kostituttiva taghhom stess. Se mai, jekk is-socjeta` appellanti hasset li hi ma kellhiex rimedju opportun fejn tezercita d-drittijiet taghha, l-oneru tal-prova li dawk l-entitajiet ma kienux komposti tinkombi proprju fuq il-parti li qed tallega li m'ghandhiex rimedju opportun u effikaci skont il-ligi.

20. [4] Dwar id-distinzjoni maghmula mis-socjeta` appellanti bejn it-termini 'licenzja' u 'awtorizzazzjoni', kemm il-Kap. 499 kif ukoll il-Kap. 332 jipprovdu li t-terminu 'licenzja' jinkludi 'permess' kif ukoll 'licenzja' mahruga mill-Awtorita`. Ghaldaqstant il-ligi de quo ma taghmilx distinzjoni bejn dawn iz-zewg termini. Rigward it-terminu 'awtorizzazzjoni' johrog car li l-awtorizzazzjoni hija forma ta' licenzja wkoll. Fil-fatt fid-definizzjoni ta' 'awtorizzazzjoni' wiehed isib li dan hu proprju "licenzja jew permess, ikunu kif ikunu deskritti". Ghaldaqstant il-ligi hija cara u inekwivoka u tirreferi ghall-awtorizzazzjoni bhala licenzja jew permess, u li fil-kaz de quo l-awtorizzazzjoni in kwistjoni mhi xejn hlief licenzja jew permess sabiex is-socjeta` appellanti topera fuq ir-rottot ta' trasport ghat-turisti.

21. [5] Dwar l-allegata ineffikacja tat-Tribunal ghax fil-prezent huwa mmexxi minn gudidkant li meta fil-passat fir-rwol taghha ta' avukatessa kienet tippatrocinja lis-socjeta` appellanti, l-Awtorita` tghid li dan ma jfissirx li r-rimedju li joffri t-tribunal mhuwiex effikaci u adegwat, ghax l-effikacja u adegwatezza tar-rimedju johorgu unikament mil-ligi u mit-tip ta' rimedji li jista' joffri tali Tribunal fl-isfond tal-Kapitlu 490. Il-fatt li magistrat jastjeni milli jiehu konjizzjoni tal-kawza ma jfissirx li r-rimedju li joffri huwa ineffikaci, imma jfisser li l-kawza kieku tigi assenjata lil magistrat iehor.

**<u>Konsiderazzjonijiet tal-Qorti</u>**

22. Din il-Qorti tibda billi tosserva li s-subinciz 4 tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12 huwa car fit-termini tieghu u ma jaghti lok ghal ebda ezercizju ta' interpretazzjoni. Dan jaqra hekk:

> "(4) Id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma għandhomx japplikaw meta l-mod ta' kontestazzjoni jew ta' ksib ta' rimedju dwar xi att amministrattiv partikolari quddiem qorti jew tribunal jiġi provdut dwaru f'xi liġi oħra."

23. Jirrizulta car li dan is-subinciz jaghti funzjoni rezidwali lill-imsemmi artikolu meta jghid li dak l-artikolu japplika biss fejn il-persuna aggravata, biex tikseb rimedju ghall-ilment taghha dwar xi att amministrattiv, ma jkollhiex triq

ohra hlief li tirrikorri ghal quddiem il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili taht l-artikolu msemmi biex tikseb rimedju.

24. Ghalhekk it-tezi tas-socjeta` appellanti li dik il-Qorti ghandha gurisdizzjoni paralleli ma’ dik tat-Tribunal hija manifestament infondata.

25. Rigward l-ilment tas-socjeta` appellanti li fl-udjenza tal-25 ta’ Marzu 2010, l-Awtorita` indikat l-Artikolu 40 tal-Kap. 499 bhala l-bazi legali tal-eccezzjoni taghha, meta fiz-zmien rilevanti[21] kien ghadu vigenti il-Kap. 332[22] u mhux il-Kap. 499[23], din il-Qorti tosserva li, tenut kont li r-rimedju li kellha s-socjeta` appellanti ghad-dispozizzjoni taghha taht l-Artikolu 31 tal-Kap. 332 konsistenti f’appell quddiem il-Bord tal-Appelli dwar it-Trasport [“il-Bord”] hu simili ghar-rimedju kontemplat fl-Artikolu 40 tal-Kap. 499 li ukoll jipprovdi ghall-appell mid-decizjoni tal-Awtorita` quddiem it-Tribunal kellu jirrizulta car li r-rimedju li kienet qed tirreferi ghalih l-Awtorita` kien dak kontemplat fl-Artikolu 31 tal-Kap. 332, u ghalhekk il-*lapsus* li sar mill-Awtorita` fir-rigward ma seta’ kien ta’ ebda pregudizzju ghad-difiza tas-socjeta` appellanti li bi ftit sforz tal-intellet setghet tinduna ghal liema rimedju hija kienet qed tirreferi fl-eccezzjoni taghha. Fi kwalunkwe kaz il-kompetenza ta’ Qorti hi materja ta’ ordni pubbliku sollevabbli mill-Qorti *ex officio.*

---

[21] Il-perijodu ta’ bejn 17 ta’ Awissu 2009 sa Novembru 2009
[22] Li ma baqax fis-sehh fit-23 ta’ April 2010
[23] Li gie fis-sehh fl-1 ta’ Jannar 2010

26. Di fatti taht iz-zewg ligijiet is-socjeta` appellanti kellha l-fakulta` li tappella mid-decizjoni tal-Awtorita`. Minn dik id-decizjoni s-socjeta` appellanti setghet tressaq appell quddiem il-Bord. Ukoll, kif indikat mill-ewwel Qorti setghet tappella quddiem it-Tribunal kostitwit bil-Kap. 490. Anke jekk dan l-ahhar Kap. ma giex indikat mill-Awtorita` xorta wahda dan ir-rimedju kien disponibbli ghas-socjeta` appellanti fiz-zmien rilevanti u l-ewwel Qorti fil-konsiderandi taghha ma setghetx tinjorah minghajr ma tmur kontra s-subinciz 4 fuq indikat li, jigi ribadit, jirrendi applikabbli l-Artikolu 469A fil-kaz biss ta' nuqqas ta' rimedju iehor taht xi ligi specjali.

27. Barra minn hekk mhuwiex korret li jinghad li l-eccezzjoni ghandha titqies li giet sollevata fl-istadju ahhari tal-kawza, ghax mill-atti jirrizulta li din l-eccezzjoni fil-fatt kient giet sollevata *in limine litis* bhala eccezzjoni preliminari fir-risposta guramentata tal-Awtorita`, u kif sottomess mill-Awtorita` il-fatt li gie indikat minnha l-Kap. 449 minflok il-Kap. 332 ma jbiddel xejn minn natura tal-eccezzjoni u mill-portata taghha li l-Artikolu 469A [4] ma kienx applikabbli ghal kaz ghax is-socjeta` appellanti kellha rimedju disponibbli ghaliha.

28. Ghall-istess raguni, kif ukoll ghar-raguni li l-istess Kap. 499 fl-Artikolu 40[24] jaghmel referenza ghat-Tribunal imwaqqaf bil-Kap. 490, mhijex valida s-sottomissjoni li meta l-ewwel Qorti irreferiet ghar-rimedju kontemplat fil-Kap. 490 din issollevat eccezzjoni *ex officio*.

29. Inoltre, il-vertenza sollevata b'dik l-eccezzjoni hija wahda strettament ta' natura legali u dak li kien mehtieg ghall-ezami taghha kienu biss sottomissjonijiet ta' natura legali. Di fatti fit-tieni aggravju taghha s-socjeta` appellanti tislet l-argument taghha dwar il-gurisdizzjoni paralleli billi taghmel referenza ghall-Artikolu 5[2] tal-istess Kap. 490.

30. Rigward l-ilment imressaq fit-tielet aggravju, din il-Qorti tosserva li l-argument tas-socjeta` appellanti li kwisjtonijiet rigwardanti l-awtorizzazzjoni mghotija lilha mill-Awtorita` ma jaqghux fil-parametri tal-funzjonijiet tal-Bord, huwa zbaljat. Mit-tifsira moghtija lill-kelma 'licenzja' fil-Kap. 332 jirrizulta li d-definizzjoni la hi ezawrenti, u wkoll hija mfassla f'termini wiesa bizzejjed biex tinkludi awtorizzazzjonijiet moghtija mill-Awtorita`. Fil-fatt l-Artikolu 2 tal-imsemmi kap. jghid li l-kelma 'licenzja' *"tfisser u <u>tinkludi kull licenzja jew</u>*

[24] Dan l-artikolu fil-parti relevanti tieghu jaqra hekk: *"... It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva mwaqqaf bl-artikolu 5 tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva jkollu lkompetenza li jisma' u jiddeċiedi: [a] appelli...... (2) Dawk il-proċedimenti li minnufih qabel jiġi fis-seħħ dan l-artikolu jkunu pendenti quddiem il-Bord tal-Appelli dwar it-Trasport imwaqqaf bl-Att dwar Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, għandhom, b'effett mill-31 ta' Marzu, 2010, jiġu assenjati lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva msemmi f'dan l-artikolu għad-deċiżjoni tiegħu u minn hemm 'il quddiem għandhom jiġu regolati bid-disposizzjonijiet tat-Taqsima III tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva. Kap. 490.*

*<u>permess</u>[25] li skont dan l-Att jew xi ligi ohra jkunu mehtiega mill-Awtorita` jew minn Direttorat jew li l-Awtorita` jew Direttorat tkun awtorizzata jew ikollha s-setgha li taghti taht dak l-Att jew xi ligi ohra".*

31. Inoltre, il-fatt li l-legislatur fil-Kap.499 hass li, minbarra milli addotta l-istess tifsira fuq indikata tal-kelma 'licenzja', kellu jiddefinixxi wkoll il-kelma 'awtorizzazzjoni' ma jimmilitax kontra l-konkluzjoni li skont il-Kap. 332 il-kelma 'licenzja' tirreferi wkoll ghal awtorizzazzjonijiet moghtija mill-Awtorita` taht dan il-kap, ghax kif fuq premess it-tifsira tal-kelma 'licenzja' hija wiesa bizzejjed sabiex tkopri decizjonijiet tal-Awtorita` li jawtorizzaw operat. Hija rilevanti l-osservazzjoni li anke t-terminu 'awtorizzazzjoni' kif imfisser fil-Kap. 499 huwa wiesa, tant li jinkludi *"kull permess moghti mill-Awtorita`"* lid-detentur biex iwettaq operat ta' garr stradali tal-passiggieri.

32. Rigward l-ilment li l-Awtorita` ma ressqitx prova li kemm il-Bord kif ukoll it-Tribunal kienu fil-fatt jezistu u joperaw fiz-zmien relevanti, il-Qorti tikkondivdi l-hsieb tal-Awtorita` li din ma kellha ebda obbligu li tipprova li dawn l-entitatjiet statutorji kienu fil-fatt kostitwiti f'dak iz-zmien. It-twaqqif u l-funzjonijiet ta' dawn it-tribunali tohrog mil-ligi u, ladarba l-ligi tkun dahlet in vigore, il-prezunzjoni ghandha tkun li dawn l-entitajiet imwaqqfa b'dik l-istess ligi huma kostitwiti u bdew jiffunzjonaw, u l-prova kuntrarja tispetta lil minn qed jallegaha, f'dan il-kaz is-socjeta` appellanti.

---

[25] Sottolinear tal-Qorti

33. Dwar dik il-parti tat-tielet aggravju fejn is-socjeta` appellanti tirreferi ghall-gudikant li attwalment ipoggi fuq it-Tribunal, din il-Qorti tosserva li dan l-argument ma jaghmilx id-distinzjoni bejn il-persuna tal-gudikant li jmexxi t-Tribunal u l-funzjoni tat-Tribunal. Il-funzjonijiet tat-Tribunal, ghalkemm imhaddma minn gudikant, mhumiex marbutin mal-gudikant partikolari li minn zmien ghal zmien ikun imexxi t-Tribunal, u ghalhekk f'kaz ta' astensjoni tal-gudikant, it-Tribunal xorta wahda jibqa' jitmexxa ghalkemm minn gudikant iehor. Dan ma jnaqqas xejn mill-effikacja u mill-adegwatezza tar-rimedju li t-Tribunal ghandu s-setgha li jaghti skont il-ligi.

34. Ghaldaqstant l-aggravji huma nfondati.

**<u>Decide</u>**

Ghar-ragunijiet fuq premessi tichad l-appell, bl-ispejjez kontra s-socjeta` rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------